**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Frar, 2016

Rikors Guramentat numru : 10/2015 AL

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

1. Illi l-partijiet izzewwgu fl- 21 ta' Lulju tas-sena 1984.
2. Illi huma sseparaw de lege fis-7 ta' Jannar tas-sena 2003 u ilhom separati hekk mill-imsemmija data u dan kif jirrizulta minn kuntratt ta' separazzjoni li kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa u markata Dokument ittra A.
3. Illi miz-zwieg twieldu zewgt ulied illum it-tnejn maggorrenni.
4. Illi ma hemmx kwistjoni ta' manteniment bejn il-partijiet.

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti,javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha topponi ghat-talba minhabba illi zewgha ma onorax l-obbligu tal-hlas tal-manteniment ilha dovut skont klawsola numru 4 tal-att ta' separazzjoni datat 7 ta' Jannar 2003 in atti Nutar Sandra Valentino;

Bl-ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Jannar, 2015;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi l-intimata fir-risposta taghha opponiet ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur peress illi skont hi l-intimat naqas milli jhallasha manteniment skont il-kuntratt ta' separazzjoni illi gie iffirmat bejn il-partijiet fis-7 ta' Jannar 2003;

Illi l-Qorti rat il-klawsola numru 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni imsemmi illi gie iffirmat bejn il-partijiet u sussegwentement ippubblikat. Il-Qorti rat illi ai termini ta' din il-klawsola ir-rikorrenti ma

kienx obbligat ihallas manteniment lill-mara tieghu jekk din kienet tahdem;

Illi meta l-intimata xehdet in kontro-ezami ammettiet illi hija kienet qabdet tahdem u allura skattat id-disposizzjoni ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni iffirmat bejn il-partijiet illi jekk hija taqbad tahdem ir-rikorrenti ma jkunx obbligat li jhallasha manteniment;

Illi r-rikorrenti ammettiet illi ghal xi sena u nofs zmien wara li gie iffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni ir-rikorrenti kien hallasha manteniment u ghalhekk irrizulta lill-Qorti illi ir-rikorrent ma hallasx aktar manteniment meta l-intimat bdiet tahdem u dan dejjem skont il-kuntratt ta' separazzjoni illi gie ippubblikat bejn il-partijiet u ghalhekk l-intimata ma ghandhiex ragun meta tghid li r-rikorrent ma hallashiex manteniment ghaliex huwa ma kienx iktar obbligat ihallasha manteniment;

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-7 ta' Jannar 2003 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Ft. Dr Abigail Lofaro
Imhallef

Ft. Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur